# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 437/2019 MH**

**Illum, 25 ta' Lulju, 2019**

**Fl-atti tal-kawza 365/19 SM wara l-mandat ta' sekwestru bin-numru 495/2019 fl-ismijiet:**

**DAAA HAUS Limited**

**Vs**

**Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C 80837)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 6 ta' Mejju 2019 fejn intalbet it-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 495/2015 fl-ismijiet premessi dan ai termini ta' l-artikolu 836 (1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kumpannija sekwetsrata talbet ukoll illi s-soċjeta' sekwestranti tiġi kkundannata tħallas penali ai terminu ta' l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

COPY

Rat ir-risposta oppositorja għal din it-talba.

COPY

**Ikkunsidrat:**

Illi kif inhu l-kaz fejn si tratta ta' ħrug ta' att kwatelatorju l-ezami li hi mitluba taghmel il-Qorti huwa wieħed limitat għal grad ta' *prima facie*. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tara jekk il-vertenza suġġett tal-kontraditorja bejn il-partijiet għandhiex mis-sewwa.

Tqis li l-ewwel opposizzjoni mressqa mis-soċjeta' sekwestranti hija mmirata lejn din il-Qorti li hija mitluba teżamina din il-vertenza. L-intimata targumenta li kellha tkun il-Qorti adita bis-smiegħ tar-rikors ġuramentat 365/2019 FDP li kellha tiddeċiedi t-talba in ezami. L-artikolu hawn operattiv, l-artiklu 836 (1) tal-Kap 12, fil-fatt jagħti l-fakolta' li talba għar-revoka ssir jew quddiem dik il-Qorti li tkun fil-fatt ħarget l-istess att kawtelatorju, inkella tista ssir quddiem dik il-Qorti adita bil-kawza fil-mertu. Filfatt il-kelma tal-ligi tagħti dik il-fakolta ta' għazla u mhux wahda tassattiva. Konsegwentement il-proċedura adottata mhux, kif issostni is-socjeta' sekwestranti, waħda irrita u nulla.

Fil-mertu, apparti għall-iżball ovvju trattando tal-premessa dwar prezentata ta' testment, huwa korrett fejn ingħad li kien u fil-fatt jispetta dejjem lir-rikorrenti sekwestrata li turi li l-ammont ikkawtelat mhux *prima facie* gustifikat jew li hu eċċessiv ai terminu ta' l-artikolu 836 (1)(d) tal-Kap. 12.

Tqis li t-talba għar-revoka hija msejsa fuq il-premessa illi nonostante r-reklam tas-socjeta' sekwestranti li l-mandat ta' sekwestru 1306/2018 ipparalizza l-operat tagħha, hi naqset li tagħti ħjiel ta' prova kif wasslet għal kwantifika ta' l-ammont reklamat. Dan huwa fermament kkonstatat mis-soċjeta' sekwestranti li saħansitra tvanta li hi anke presentat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 495/2019 prospett ta' kif ġie likwidat l-ammont minnha pretiż fir-rigward. F'dan ir-rigward tqies ukoll illi t-talba fir-rikors ġuramentat suriferuta hija mhux biss għal kundanna ta' bilanċ dovut imma ukoll għal danni da likwidarsi. Ma jispettax lil din il-Qorti tiddetermina dan l-ammont. Jingħad pero' li korrettement is-sekwestranti tat raġuni sal-grad tal-*prima facie* dwar l-istess ammont tramite l-prospett presentat, *a contrario* ir-rikorrenti sekwestrata ma ressqet ebda raguni valida biex tikkonvinċi u ssostni t-talba tagħha.

Konsegwentement il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha avvanzati nbl-ispejjez għar-rikorrenti.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**